MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-5 ta' April, 2013

Talba Numru. 303/2009

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143)**
**kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha**
**Gasan Enterprises Limited skond il-Ligi u**
**l-polza (Claim C086070)**

**vs**

**Valletta Gateway Terminals Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija u erbgha u erbghin ewro u sebghin centezmu (€1,544.70c) rapprezentanti hsarat u / jew nuqqasijiet fuq konsenja ta' 24 Ford units u 2 Jaguar units li waslu Malta fl-14 ta' April, 2008 u d-19 ta' April, 2008 per Eurostar Salerno u ghal

liema hsarat is-socjeta’ attrici kkumpensat lis-socjeta’ assikurata.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.
Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici; Illi d-danni allegatament sofferti mill-assikurat tas-socjeta’ attrici ma sehhewx konsegwenza ta’ xi nuqqas jew htija da parti tas-socjeta’ intimata; Illi kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, is-socjeta’ esponenti mhijiex responsabbli ghad-danni reklamati; Illi konsegwentement hemm lok illi jigi kjamat fil-kawza l-agent tal-bastiment MV Eurocargo Salerno in kwantu s-socjeta’ esponenti rrilaxxat il-merkanzija fl-istess kondizzjoni li giet konsenjata lilha; Illi fi kwalsiasi kaz, is-socjeta’ attrici qdiet il-funzjonijiet taghha skond id-diligenza rikjesta mil-ligi; Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa eccessiv; Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici ddikjara illi saret *claim* mill-assigurata taghha, u cioe’ Gasan Enterprises Limited, in konnessjoni ma’ polza ta’ assigurazzjoni li kienet giet rilaxxjata minnha relattiva ghal konsenja ta’ vetturi tal-marka Ford u Jaguar li waslu Malta f’zewg konsenji, u cioe’ wahda fl-14 ta’ April, 2008 u l-ohra fid-19 ta’ April, 2008. Illi s-socjeta’ attrici wettqet il-hlas fl-ammont ta’ elf hames mija erbgha u erbghin ewro u sebghin centezmu (€1,544.70c) lis-socjeta’ assigurata, u wara li giet surrogata fid-drittijiet taghha, intavolat l-azzjoni odjerna.

Illi l-*claim* li saret mis-socjeta' Gasan Enterprises Limited tittratta dwar hsara li rrizultat f'zewg vetturi tal-marka Jaguar, li wahda minnhom kellha girfa fuq il-mudguard tan-naha tal-lemin (Dok.GM11 a fol.44), u l-ohra kellha ghafsa fil-bieba tan-naha tax-xellug (Dok.GM12 a fol.45), kif ukoll ghal diversi oggetti li kienu neqsin minn vetturi tal-ghamla Ford Focus, senjatament f'kaz ta' vettura minnhom kellha sett ta' twapet neqsin, uhud minnhom kellhom *tyre instant mobility kit* nieqes, u ohrajn kellhom il-*hand book* tal-vettura neqsin.

Illi dawn in-nuqqasijiet gew riskontrati minn impjegat tas-socjeta' Gasan Enterprises Limited meta l-vetturi kienu 'gia nhattew minn fuq il-vapur Eurocargo Salerno, u kienu qed jinzammu fil-*yard* tas-socjeta' konvenuta, u ghalhekk qabel ma gew rilaxxjati lid-destinatarju, u cioe' lis-socjeta' Gasan Enterprises Limited. Illi l-hlas li gie mwettaq mis-socjeta' attrici lis-socjeta' assigurata huwa in bazi ghal diversi fatturi li jinsabu a fol.38 *et sequitur* tal-atti. Illi dwar il-hsara u nuqqasijiet li gew riskontrati mill-impjegati tas-socjeta' Gasan Enterprises Limited gie mhejji wkoll rapport minn Surveyor, Bernard Farrugia, inkarigat mis-socjeta' attrici, liema rapport gie mhejji wara spezzjoni li saret fit-22 ta' April 2008 qabel ma l-vetturi inhargu minn Laboratory Wharf fejn kienu nhattew u kienu qed jinzammu fil-pussess tas-socjeta' konvenuta.

Illi dwar is-set ta' twapet neqsin, ir-rapprezentant tas-socjeta' assigurata ddikjara li dawn kienu neqsin minn vettura wahda tal-ghamla Ford Focus, u ddikjara li din kellha dawn it-twapet meta ntbaghtet minn barra, ghaliex il-vetturi l-ohra tal-istess ghamla f'din il-konsenja lkoll kellhom it-twapet, filwaqt illi din kellha l-*holders* ma' fejn jaqbdu t-twapet vojta. Illi dwar l-*instant mobility kit* u l-*handbook cover*, dawn ukoll kienu oggetti jew accessorji standard f'dawn it-tip ta' vetturi, izda kienu neqsin f'uhud minnhom.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ddikjara illi meta l-vetturi jkunu qed jinhattu minn fuq il-vapur, u dawn ikun ghadhom fuq ir-rampa, issir spezzjoni minn impjegati taghha ta' kull vettura li tkun qed titnizzel, sabiex

jistabilixxu jekk ghandhix xi hsara vizibbli, bhal daqqiet, ghafisi jew grif li setghu jkunu saru waqt it-tragitt jew qabel ma tghabbew fuq il-vapur. Illi l-ilmenti tas-socjeta’ assigurata ma jirrizultawx mit-*tally sheets* li gew imhejjija mill-ufficjali taghha, bl-eccezzjoni tal-girfa li giet riskontrata fuq Jaguar (a fol. 44 tal-atti) u l-ghafsa li giet deskritta bhala “*hardly seen*” (a fol.45 tal-atti) fuq il-Jaguar l-ohra. Illi dwar l-ilment tas-socjeta’ assigurata Gasan Enterprises Limited illi kien hemm xi oggetti li allegatament kienu neqsin minn uhud minn dawn il-vetturi li twasslu permezz ta’ dawn il-konsenji, ir-rapprezentanti tas-socjeta’ konvenuta ddikjaraw li huma ma setghux jikkonfermaw illi dawn l-oggetti kienu effettivament gew neqsin meta l-vetturi waslu hawn Malta, ghaliex ma nghatawx lista bl-*specifications* tal-vetturi in kwistjoni, u ghalhekk ma setghux jikkonfermaw illi dawk il-mudelli partikolari kellu jkollhom tali oggetti meta ntbaghtu minn barra minn Malta.

Illi oltre t-*tally clerk* li jintbaghat mis-socjeta’ konvenuta jkun hemm prezenti wkoll *tally clerk* mibghut mill-Malta Maritime Authority, li jiehu annotament ukoll tal-merkanzija li tkun qed tinhatt minn fuq il-vapur, u li f’dan il-kaz kienu vetturi, u ghalhekk jindika l-kwantita’ u l-ghamla taghhom. Illi dan l-ufficjal ma rrizultatlu ebda hsara fil-vetturi tal-ghamla Ford, u lanqas f’dawk tal-ghamla Jaguar.

Ikkunsidra,

Illi l-azzjoni odjerna tittratta dwar rizarciment li s-socjeta’ attrici qed titlob minghand is-socjeta’ konvenuta ta’ hlas li gie mwettaq lis-socjeta’ Gasan Enterprises Limited in segwitu ghal *claim* li sar minn din is-socjeta’ assigurata. Illi l-ammont li gie mhallas mis-socjeta’ attrici jirraprezenta spejjez ta’ tiswija li saru fuq zewg vetturi tal-ghamla Jaguar, li kellhom girfa u ghafsa rispettivament, filwaqt illi parti mill-prezz jirraprezenta l-valur ta’ zewg-(2) *instant tyre mobility kits*, tliet-(3) *handbook covers* u set twapet li kienu neqsin mill-vetturi tal-ghamla Ford Focus li waslu mal-istess konsenji.

Illi l-valur ta’ tali tiswijiet u oggetti neqsin jirrizultaw minn diversi fatturi rilaxxjati minn Gasan Enterprises Limited, u cioe’ l-assigurata tas-socjeta’ attrici.

Illi s-socjeta’ konvenuta tikkontendi illi l-ammont mitlub in forza ta’ din l-azzjoni mhux dovut minnha ghaliex tali hsarat fil-vetturi u l-oggetti li gew neqsin mill-vetturi in kwistjoni, rrizultaw qabel ma l-vetturi gew ikkonsenjati lilha jew kienu neqsin qabel ma gew ikkonsenjati lilha.  Illi in sostenn ta’ tali dikjarazzjoni, is-socjeta’ konvenuta ressqet bhala prova t-*tally sheets* li gew imhejjija minn impjegati taghha, kif ukoll dawk imhejjija minn ufficjal tal-Malta Maritime Authority.  Illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta ndikat fir-risposta taghha li jkun opportun illi jigi kjamat fil-kawza l-agent tal-vapur, madanakollu, tali kjamat in kawza ma ntalbitx u ma saritx.

Illi s-socjeta’ konvenuta mhux qed tikkontendi illi l-oggetti u accessorji kienu neqsin mill-vetturi tal-ghamla Ford Focus, u lanqas m’hi qed tikkontendi illi ma kienx hemm il-hsara ilmentata fiz-zewg vetturi Jaguar.  Madanakollu, tikkontendi illi m’hemmx ic-certezza illi l-oggetti li allegatament gew neqsin, setghu gew neqsin waqt li dawn il-vetturi kienu fil-pussess taghha, ghaliex ma jirrizulta minn imkien illi meta dawn il-vetturi gew ikkonsenjati lilha, tali oggetti kienu jezistu fil-vetturi.  Illi dan gie dikjarat in bazi tal-fatt illi l-ufficjali taghha ma nghatawx *specifications list* relattiva ghal dawn il-vetturi li gew ikkonsenjati, u ghalhekk ma setghux jivverifikaw dak allegat mill-importatur ta’ dawn il-vetturi.

Illi in rigward, it-Tribunal jinnota illi minkejja tali kontestazzjoni da parti tas-socjeta’ konvenuta, is-socjeta’ attrici – tramite tal-assigurata taghha – ma hassitx il-htiega illi tipprezenta estratt jew kopja ta’ tali *specifications list* relattiva ghat-tip ta’ vetturi li gew importati minn Gasan Enterprises Limited, u li dwarhom qed jigi allegat li naqsu xi oggetti.  Illi qed tistrieh unikament fuq ir-rapport li gie mhejji mis-surveyor inkarigat minnha, kif ukoll fuq id-deposizzjoni tal-impjegati taghha.

Illi dwar il-hsara li giet innotata fil-vetturi tal-ghamla Jaguar, ghalkemm il-hsara ma kienitx konsiderevoli, giet debitament rikonoxxuta u annotata fil-*gate pass-out* tas-socjeta' konvenuta relattiva ghal dawn iz-zewg vetturi, kopja ta' liema dokumenti jinsabu esebiti in atti a fol.44 u 45 tal-process. Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta qed issostni illi mhux minnu li din il-hsara grat waqt illi dawn il-vetturi kienu fil-pussess taghha – u cioe' minn meta nhattew minn fuq il-vapur sakemm inhargu mill-compoumd taghha fejn kienu qed jinzammu sakemm ittiehdu mid-destinatarju taghhom – madanakollu, ma ressqu ebda provi sabiex jissostanzjaw l-allegazzjoni illi din il-hsara kienet pre-ezistenti ghal meta dawn il-vetturi gew ikkonsenjati lilha. Illi ghalhekk, u ladarba tali hsara hija dokumentata, u ladarba l-ewwel indikazzjoni u annnotament dwarha saret meta dawn il-vetturi kienu fil-pussess tas-socjeta' konvenuta, allura t-Tribunal huwa tal-fehma illi s-socjeta' konvenuta ghandha tghamel tajjeb u tirrimedja ghal tali hsarat. Illi l-ammont relattiv ghat-tiswija ta' din il-hsara jirrizulta mill-fatturi li jinsabu a fol.48 u 49 tal-atti, u li kumplessivament jammontaw ghal tmien mija tmienja u tmenin ewro u tmintax-il centezmu (€888.18c).

Illi dwar l-accessorji li allegatament gew neqsin mill-vetturi tal-ghamla Ford Focus, u li l-fatturi relattivi ghal dawn l-oggetti jinsabu esebiti a fol.38 u 39 tal-atti, it-Tribunal huwa tal-fehma illi, bl-eccezzjoni tas-set ta' twapet li kienu neqsin mill-*holders* taghhom, ma rrizultax sodisfacentement illi dawn il-vetturi kienu mghammra b'dawn l-accessorji meta gew ikkonsenjati fil-pussess tas-socjeta' konvenuta, u ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta m'ghandhix tigi kkundannata tikkumpensa lis-socjeta' attrici ghalihom. Illi dwar is-sett ta' twapet, dawn jammontaw ghal sebghin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€70.78c), u ghalhekk dan l-ammont ghandu jigi mizjud mal-ammont tat-tiswija tal-hsara li rrizultat fil-vetturi tal-ghamla Jaguar.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta, jilqa' *in parte* t-talba tas-socjeta' attrici, u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija tmienja u hamsin

ewro u sitta u disghin centezmu (€958.96c), bl-imghax kif mitluba.

L-ispejjez ta’ din il-kawza jkunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------